*Ejjew naghtu gieh lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferh, kull tifhir,*
*Kburin bil-patrun, mahbub taghna,*
*Maghdud minn kulhadd b'qaddis kbir.*

*Mill-Għaqda Storja u Kultura*
***Conrad D'Amato***

# Il-vara tal-patrijarka San Ġużepp tagħlaq 50 sena

## Introduzzjoni

Wara li s-sena l-oħra fl-artiklu tiegħi ktibt ftit informazzjoni fuq il-vara tal-Madonna tar-Rużarju li kienet qed tiċċelebra għeluq il-50 sena mil-wasla tagħha fostna, għal din is-sena l-attenzjoni tagħna ser taqa' fuq il-vara tal-Patrijarka San Ġużepp f'għeluq il-50 sena minn meta saret u waslet fir-raħal tagħna. Bla ebda dubju din il-vara hi waħda mill-isbaħ opri li nsibu fil-knisja tagħna u tifforma parti mill-kullana ta opri artistiċi li saru mill-iskultur Taljan Ferdinand Stuflesser fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Minuti.

## L-istorja tal-vara



Meta wieħed jiġi biex jitkellem fuq il-vara ta' San Ġużepp, isib storja ferm interessanti. Waqt li l-kappillan Minuti kien għaddej bin-negozjati mal-iskultur Stuflesser dwar il-vara titulari ta' San Pietru, li żżanżnet fl-1959, kien diġa bħal beda jberren f'moħħu li jagħmel vara ta' San Ġużepp. Infatti l-ewwel ittra li nsibu fl-arkivju tal-knisja li titratta dan is-suġġett iġib id-data tal-25 ta' Marzu tal-1959 fejn fiha l-iskultur kiteb lill-kappillan u spjegalu kif kellu f'rasu li jaħdem il-vara ta' San Ġużepp. Però meta kienet lesta l-vara ta' San Pietru ġiet ordnata l-vara tal-Madonna tar-Rużarju li waslet Malta fit-2 ta' Jannar tal-1960, u għalhekk issa kien imiss li tiġi ordnata l-vara ta' San Ġużepp. Din ġiet ordnata fil-21 ta' Settembru tal-1960, fejn dakinhar l-iskultur intrabat li jaħdem fl-injam vara ta' San Ġużepp bil-bambin u li kellha tkun lesta sa Marzu tas-sena ta' wara.

Fis-27 ta' April tal-1961 il-kappillan Minuti rċieva telegramma mingħand l-iskultur fejn permezz tagħha ġie mgħarraf li x-xogħol fuq il-vara kien lest. Però ġara li l-kappillan meta ra xi ritratti li l-iskultur kien bagħtlu xtaq xi tibdiliet fiha. It-tibdiliet li saru kienu jikkonsistu fil-ħdim mil-ġdid tas-sħaba ta' taħt iż-żewġ statwi, wiċċ il-qaddis inżebagħ mil-ġdid sabiex ġie jidher ftit ikbar fl-età milli kien, u l-ispalla u d-driegħ tal-lemin ta' San Ġużepp inqatgħu, u ħarġu l-barra bi tliet pulzieri. Din il-vara flimkien mal-pedestall tagħha ġiet tiswa s-somma ta' 487 lira Sterlina (inkluż id-dazju) li 40 lira

74



minnhom tħallsu mil-kappillan Minuti, filwaqt li 60 lira oħra tħallsu mil-kanonku Dun Rikardu Attard. Wasslet Malta fl-20 ta' Ottubru tal-1961 fuq il-vapur bl-isem 'S.S. Citta di Messina.'

## Il-vara fid-dettal

Din il-vara klassika, li hi maħduma minn zokk wieħed, tirrappreżenta lil San Ġużepp bħala l-missier puttativ ta' Ġesù. Fiha naraw lil San Ġużepp bilwieqfa fuq sħaba b'ħarstu l-isfel, b'idejh il-leminija biżwid l-ispalla ta' Ġesù, filwaqt li f'idejh ix-xellugija qed iżomm ix-xettru bil-ġilju fuqu. Oriġinarjament dan ix-xettru u l-ġilju kienu tal-injam, però ftit żmien wara li wassal Birżebbuġa, dan sar kollu tal-fidda. Il-ġilju ta' fuq, li tirrappreżenta s-safa tal-qaddis. hi xogħol mill-isbaħ fil-fidda mmartellat. F'riġlejn San Ġużepp wieħed jilmaħ sandli tal-fidda li kien sar b'wegħda. Fl-id il-leminija naraw ċurkett li kien ingħata b'wegħda minn Giovanna Farrugia. Fuq sider il-qaddis wieħed jilmaħ salib u ġiżirana tad-deheb. Dari dawn kienu fuq il-vara titulari ta' San Pietru, però meta l-vara titulari ġiet iregalata b'salib li kien jintlibes mil-kappillan Dun Anġ Fenech (li fi żmienu nbniet il-knisja) meta kien kanonku, dan is-salib flimkien ma' ġiżirana, ingħataw lil San Ġużepp. Ma ras il-qaddis naraw diadema tal-fidda li fuqha hemm minqux il-kunjom Caruana.

L-istatwa l-oħra turina lit-tfajjel Ġesu fl-età ta madwar seba' snin, bilwieqfa quddiem San Ġużepp b'idejh miftuħin l-isfel. F'riglejh naraw sandli ndurat bid-deheb u ma' rasu naraw diadema bbanjata bid-deheb. L-ilbies taż-żewġ figuri hu sempliċi però magħmul bi ħsieb u b'dettall. Meta wieħed iħares lejn l-uċuħ taż-żewġ statwi żgur li jibqa' impressjonat bis-sbuħija u l-ħlewwa li toħroġ minnhom.

Jekk il-vara hi sabiħa, mela xi ngħidu għall-pedestall barokk tagħha. Fil-faċċata ta' quddiem naraw skudett li fih hemm skolpita l-faċċata tal-knisja ta' Birżebbuġa. Fl-iskudetti tal-faċċati tal-ġnub naraw skolpit il-ġilju fuq naħa, u x-xettru u l-kuruna fuq in-naħa l-oħra. Filwaqt li fil-faċċata ta' wara naraw skolpiti fl-iktar dettal l-għodda tal-mastrudaxxa. Din l-istatwa hi l-itqal waħda li nsibu fil-knisja tagħna (itqal minn San Pietru) u tiżen 310 kilos.

## Il-festa ta' San Ġużepp

Għalkemm f'Birżebbuġa qatt ma kien hawn fratellanza ta' San Ġużepp, però mal-miġja ta' din il-vara, il-kappillan beda jorganizza l-festa interna ta' dan il-qaddis. Għall-bidu l-festa bdiet issir fl-ewwel Ħadd ta' Mejju, però ftit snin wara din bdiet tiġi ċċelebrata Ħadd wara, minħabba li fl-ewwel Ħadd kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp fir-raħal ta' Ħal Għaxaq, festa li kienet popolari mal-Birżebbuġin. Il-festa kienet tibda s-Sibt filgħaxija billi jitkanta l-Għasar. L-għada l-Ħadd l-quddiesa tad-disgħa kienet tkun waħda solenni bil-priedka fuq il-ħajja tal-qaddis. Fl-erbgħa u nofs ta' filgħaxija kien jerġa' jitkanta l-Għasar u fil-ħamsa kienet toħroġ il-purċissjoni bil-vara ta' San Ġuaepp li kienet tgħaddi minn Triq






Santa Katerina, Triq il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa għal Misraħ il-Knisja fejn kienet terġa' tidħol lura fil-knisja. L-innu ferm sabiħ li kien jindaqq fil-knisja kien inkiteb mill-magħruf Dun Karm Scerri fuq lirika ta' Patri Henry F.S.C.

Però sfortunatemant tul is-snin bdew jiġru diversi għajdut fost il-parruċċani li bil-mod il-mod kien qed jinbet l-hekk imsejjaħ "il-partit ta' San Ġużepp". Illum ikolli ngħid li din kienet xniegħa li kienet ferm 'il bogħod mir-realtà. Fl-1977 l-festa ġiet iċċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Mejju minħabba l-karnival. Dik is-sena l-festa kienet saret fil-15 ta' Mejju, l-għada tal-konsagrazzjoni tal-knisja. Lejlet il-festa, fl-14 ta' Mejju l-knisja kienet armata kif tkun armata fil-festa titulari ta' San Pietru fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tagħha mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Dakinhar kien anke nħaraq xi nar għal din l-okkażjoni li kompla kabbar ix-xnigħat li kienu qed jinbtu. L-għada l-festa ta' San Ġużepp saret b'mod normali. Is-sena ta' wara fl-1978 kienet l-aħħar sena tal-kappillan Dun Ġużepp Minuti, u fil-festa ta' dik is-sena San Ġużepp għamel l-aħħar dawra tiegħu fit-toroq tagħna. Dakinhar ma kienx hemm reffiegħa biżżejjed sabiex joħroġ San Ġużepp u minn hawn u minn hemm xi żagħżagħ żgħar fl-età ddeċidew li joħorġu l-istatwa huma. Hekk kif ħarġu bih fuq iz-zuntier tal-knisja tant ħassewh tqil li minflok daru d-dawra normali tal-purċisjoni, daru dawra mal-knisja. Hekk kif waslu maġemb il-kampnar tant kienu għejjew li daħlu bih mil-ġenb taz-zuntier. Wara leħaq il-kappillan Dun Karm Frendo li dan baqa' jorganizza l-festa però mingħajr il-purċissjoni. Wara l-mewt tal-kappillan Frendu fl-1980 leħaq il-kappillan Dun Pawl Buttigieg. Mill-1981 il-festa ta' San Ġużepp ma baqgħetx issir, u minflok bdiet issir il-festa tal-għodda nhar l-1 ta' Mejju, festa li għadha ssir sal-lum.

## Konklużjoni

Mingħajr ebda dubbju, bħal diversi opri oħra, din il-vara artistika hi mera ħajja tal-ħila artistika li kellu l-awtur tagħha. Illum il-ġurnata din il-vara devota għadha tifkira oħra sabiħa tal-kappillan Dun Ġużepp Minuti u l-parruċċani tiegħu li b'dedikazjoni kbira sebħu t-tempju tagħna b'għadd ta' opri artistiċi. Fil-kwiet fejn tinsab miżmuma matul is-sena din il-vara tfakkarna fis-skiet u s-safa li huma sinonimi ma' dan il-qaddis hekk kbir. Fuq kollox din il-vara hi tifkira ħajja tad-devozjoni li missirijietna kellhom lejn San Ġużepp, il-Patrun Universali tal-Knisja Kattolika.